Minuti tad-39 laqgha tas-sitt Kunsill Lokali l-Gharb li saret nhar il-Hamis 14 ta' Gunju, 2012. Il-laqgha nbdiet hin 4.45pm.

| **Prezenti:** | **Membri:** |
|---|---|
| Sindku | David Apap |
| Vici-Sindku | Raymond Cassar |
| Kunsillier | Lisa Marie Brooke |
| | Emanuel Muscat |
| | Carmen Vella |

| **Ufficjali:** | |
|---|---|
| Segretarju Ezekuttiv | Joanne Attard |

**1. Approvazzjoni tal-Minuti tat-38 laqgha.**

1.1 Il-Minuti gew approvati u iffirmati mis-Sindku u Segretarju Ezekuttiv bhala dokument korrett.

1.2 Il-Kunsill qabel illi l-inawgurazzjoni ufficjali tal-Pjazza ghandha issir nhar il-21 ta' Gunju, 2012 fit-8.00pm. Il-Kunsill qabel illi l-Pjazza ghandha tkun inawgurata mill-Ministru ghal Ghawdex l-Onor. Giovanna Debono waqt serata kulturali letterarja. Il-Kunsill qabel unanimament li ghandhom isiru muniti tal-bronz bl-armi tal-kunjomijiet tal-membri tal-Kunsill. Dawn ser isiru f'forom tal-gibs minn Rudolph Cauchi li mbaghad ser isiru tal-bronz minn Michael Mizzi. Ser issir munita ohra b'dettalji tal-progett.

1.3 Il-Kunsill qabel unanimament li ghandhom isiru arbli *stainless steel* ghall-pjazza. Il-Kunsill qabel li dawn ghandhom jinhadmu ghandu Joseph Portelli ghall-prezz ta' €196 il wiehed. Il-Kunsill qabel li ghandhom jintuzaw l-istess toqob tal-antarjoli tal-festa ghal dawn l-arbli u jitpoggew fuq in-naha tal-Muzew.

**2. Gwardjan lokali permanenti fil-lokalita'.**

2.1 Is-Sindku ppropona illi ghall-ewwel perjodu ta' zewg/tlett gimghat minn meta tinfetah il-Pjazza ghat-traffiku ghandu jkun hemm gwardjan lokali biex jeduka lill-pubbliku dwar it-traffic management il-gdid fil-Pjazza. Il-Kunsill qabel unanimament u dan ser ikun bi skop edukattiv u mhux biex jinhargu citazzjonijiet.

2.2 Lisa Brooke qalet li fi Triq Dun Alwig Mizzi k/m Triq Felic Grech qed isir parkegg ta' buses li qed ikunu perikoluzi. Is-Sindku spjega li huwa gibed l-attenzjoni dwar dan diversi drabi izda s-sitwazzjoni baqghet l-istess.

2.3 Emanuel Muscat gibed l-attenzjoni dwar arblu tal-Enemalta li jinsab Dun Alwig Mizzi kantuniera ma Triq Felic Grech li jinsab imwahhal barra il-b ankina. Il-Kunsill qabel li jaghmel komunikat mal-Enemalta.

2.4 Il-Kunsill iddiskuta dwar il-*parking bay* quddiem ir-residenzi 111 sa 113 fil-Pjazza li hija parking bay wahda riservata ghall-klijenti tal-hwienet. Il-Kunsill qabel unaninament li din ghandha ssir ghal loading u unloading u riservata ghall-klijenti tal-hwienet waqt il-hin tax-xoghol.

2.5 Il-Kunsill iddiskuta dwar ix-xogholijiet fiz-zona ta' ma genb il-Knisja. Is-Sindku spjega illi kien hemm ilmenti minghand ir-resident Debrincat li ghandu l-propjeta' f'dan il-post u ghalhekk ix-xogholijiet hadu fit-tul iktar milli mistenni. Giet trattata il-korrispondenza relatata minghand l-avukat tas-Sur Debrincat u r-risposta ghall-Kunsill ippreparata mill-Avukat Mario Scerri. Gie spjegat illi spetturi tad-Dipartiment tas-Sahha gew ukoll fuq il-post. Gie spjegat illi issa x-xogholijiet tkomplew u l-main hole hdejn *tad-djamant* saret. Huwa ttamat li jinghata t-tarmak lil din il-parti fi ftit granet.

2.6 Il-Kunsill qabel unanimament illi wara l-festa ghandhom jitkomplew ix-xogholjiet fuq il-kanal tal-ilma fil-parti ta' wara l-Knisja. Il-Kunsill qabel illi possibilment din il-parti ghandha tinfetah f'zewg partijiet minhabba accessibilita'. Is-Sindku spjega illi issa x-xogholijiet jistghu jipprocedu fi Triq Trux.

2.7 Il-Kunsill iddiskuta dwar il-hajt li jrid jinbena' fil-parti ta' barra ta' Triq il-Knisja fejn twessghet it-triq. Gie spjegat illi bir-rati tal-kuntrattur Gatt Tarmac Ltd. dan il-hajt huwa stmat €2500. Is-Sindku ppropona illi l-hajt ghandu jinbena mill-haddiema tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel fejn gie deciz li jekk dawn ma jaccettawx ghandha ssir sejha ghall-kwotazzjonijiet u jigu notifikati kuntratturi lokali. Dwar il-parti tal-hajt tat-triq ma propjeta' ta' Tarcisja Grima il-Kunsill qabel li din ghandha tinghata priorita'.

2.8 Is-Sindku spjega illi jkun aktar ghaqli u li nistennew it-tfassil tal-kont ta' Triq il-Knisja peress li kien hemm xi xogholijiet extra bhal oghti ta' caghaq ecc. Dan sabiex wiehed jara l-istatus tan-nefqa vis a vis il-kuntratt u l-budget allokat ghall-PPP. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.9 Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar il-progress tax-xoghol fuq bini ta' hajt f'Wied il-Mielah li qed isir mill-haddiema tal-Kunsill.

2.10 Il-Kunsill iddiskuta dwar l-andament tad-diversi progetti taht il-Progett Mizura 323 fejn is-Sindku aggorna lill-Kunsill dwar il-progress tax-xogholijiet. Gie spjegat illi fi Triq Sdieri ghaddejjin ix-xogholijiet fuq l-arkata. Saret diskussjoni dwar il-mod kif qed tinghalaq it-triq mill-kuntrattur u

kien hemm qbil li dan ghandu jinghata struzzjonijiet differenti ta' kif ipoggi t-tabelli.

2.11 Il-Kunsill iddiskuta il-problema ta' serq ta' tabelli mit-toroq. Gie spjegat illi ricentement insterqet tabella li kien hemm hdejn Dar Dun Arkanglu u tnejn ohra waqt purcissjoni.

2.12 Gie spjegat illi x-xogholijiet fuq il-kappella ta' San Dimitri jinsabu ghaddejjin ukoll. Gie spjegat illi originarjament f'din il-kappella kien hemm qanpiena wahda biss u l-Mepa iridu li din terga' tigi ghall-istat originali taghha. Gie spjegat illi jinhtieg li ssir diskussjoni mal-Arcipriet biex wiehed jara jekk jaccettax li l-kappella terga' lura ghall-istat originali taghha.

2.13 Is-Sindku spjega illi s'issa ix-xogholijiet li qed isiru fuq il-progett M323 huma fil-limiti tal-budget u qed isiru l-kejlijiet tax-xogholijiet tal-Pjazza. Gie spjegat illi l-kuntratti iffirmati mad-diversi kuntratturi tal-progett M323 jistipulaw li x-xogholjiet iridu jkunu lesti sa l-ahhar ta' Awissu. Fir-rigward tal-kuntratti taz-Zejt u San Dimitri il-Kunsill iddiskuta li jista' jaghti lok illi jkun hemm estensjoni minhabba il-permessi tal-MEPA.

**3. Progett Mizura 313.**

3.1 Gie spjegat illi l-applikazzjoni li saret taht Mizura 313 biex isir *adventure park* fi Triq Tumas Cassar gie approvata b'budget ta' €300,000. Gie spjegat illi l-Perit qed jaghmel ix-xoghol mehtieg biex tkun tista' tohrog l-offerta. Sadanittant gie spjegat illi l-permess tal-MEPA huwa miexi, fejn tpoggew fuq il-mejda il-pjanti godda tal-progett li gew approvati unanimament u gie spjegat illi l-hsieb huwa illi l-progett jinbena fuq kolonni. It-tir huwa li ghall-habta ta' Settembru tkun tista' tibda l-hidma fuq il-progett jekk kollox imur sew. Il-Kunsill iddiskuta dwar l-offerta li ser tohrog ghall-progett fejn il-Kunsill qabel li din tkun offerta wahda b'lots differenti ghall-kostruzzjoni u ghall-provvista tat-taghmir mehtieg. Il-Kunsill iddiskuta wkoll dwar is-servizz tal-konsulenza teknika tal-progett. Gie spjegat illi hemm il-possibilita' li minflok ma tohrog offerta separata ghall-konsulenza teknika din tkun inkluza bhala parti mill-offerta tax-xogholijiet. B'hekk l-ispejjez ta' konsulenza teknika tithallas mill-kuntrattur u x-xoghol relatat isir mill-Perit li mieghu il-Kunsill diga jkollu kuntratt ta' servizz. Dwar din ta' l-ahhar qed isiru l-verifiki jekk tistax tigi implimentata.

**4. Infiorata.**

4.1 Il-Kunsill iddiskuta dwar l-Infiorata 2012. Gie spjegat illi l-Aricpriet ma jsibx oggezzjoni illi tinzamm din l-attivita'. Gie spjegat ukoll illi l-offerta ghall-provvista' tal-fjuri ghall-Infiorata tinsab fis-suq. Il-Kunsill qabel dwar it-temi li ghandhom jiffurmaw l-Infiorata ta' din is-sena fosthom, l-arma tas-Sena Ewropea tal-Anzjani, l-arma tal-Parrocca u l-arma tal-progett Obimed.

## 5. Kwotazzjonijiet servizz ta' stampar – Eko Ghawdex

5.1 Dawn il-kwotazzjonijiet kienu ppublikati fuq il-Gazzetta tal-Gvern u fuq il-Malta Independent. Gew notifikati wkoll diversi stampara gewwa Ghawdex. Giet sottomessa kwotazzjoni wahda biss minghand A&M printing ghall-prezz ta' €522.90 ghall qies A4 jew €838.95 ghal qies A3. Il-Kunsill accetta din il-kwotazzjoni. Gie deciz li ghandu jigi ppreparat il-materjal biex ikun jista'jsir flyer li jitqassam go Ghawdex kollu bhala pubblicita' ghac-centru. Il-Kunsill qabel li l-bqija tal-budget tal-pubblicita' ghandu jintuza' biex issir promozzjoni tac-Centru fuq il-Programm televiziv Ghawdex illum u fuq il-gazzetti.

5.2 Il-Kunsill iddiskuta l-edizzjoni li jmiss tan-newsletter il-Pjazza li ser tigi ppublikata dalwaqt. Il-Kunsill qabel li l-avviz biex il-bankini jinzammu liberi minn pjanti u ostakli ohra ghandu jigi ppublikat f'din l-edizzjoni.

## 6. Child Care Centre.

6.1 Il-Kunsill iddiskuta dwar l-isem li ghandu jinghata lic-Centru fejn il-Kunsill qabel ma Stepping Stones. Dan l-isem ghandu jintbaghat lid-DSWS ghall-approvazzjoni taghhom.

6.2 Il-Kunsill iddiskuta dwar tul tal-kuntratt fejn gie deciz li l-kuntratt ma Victoria Sultana li ser tkun qed tmexxi ic-centru ghandu jkun ta' 3 snin. Right of first refusal.

6.3 Il-Kunsill qabel illi l-kuntratt li ser ikun iffirmat bejn il-Kunsill u Ms Sultana ghandu jigi ppreparat min Nutar Josette Spiteri Cauchi. Peress li n-nutar ghamlet xi xoghol iehor relatat ma bordijiet ta' evalwazzjoni ta' diversi tenders, il-kuntratt ghandu jsir minn Nutar Enzo Dimech jew Nutar Masini jekk ma jkunx possibbli li jsir minn din ta' l-ewwel.

6.4 Il-Kunsill tratta lista ta' affarijiet mehtiega sabiex ic-child care centre ikun jista' jibda jopera. Il-lista giet ippreparata minn Victoria Sultana. Il-Kunsill tratta wkoll xi kwotazzjonijiet migbura ghal imwejjed u siggijiet kif ukoll safety mats. Il-Kunsill qabel li ghandu jipprovdi affarijiet permanenti li jibqghu fl-inventarju tac-centru. Il-Kunsill qabel li affarijiet li huma consumables ghandhom ikunu pprovduti minn min imexxi c-centru.

## 7. Servizz tal-kenniesa.

7.1 Giet trattata l-ittra mid-Direttorat tat-Turizmu fi hdan il-Ministeru ghal Ghawdex fejn gie spjegat illi l-kuntratt tas-servizz tal-kenniesa mhux ser jigi mgedded izda ser ikun terminat b'effett immedjat. Raymond Cassar ippropona illi ghandha tintbaghat ittra ta' dizappunt kif ukoll kopja tal-korrispondenza tintbaghat lill-haddiema sabiex dawn ma jwahhlux fil-Kunsill. Is-Sindku spjega illi Gigi Piscopo huwa haddiem tal-ETC li gie assenjat mal-

Kunsill ricentement u li bhalissa qed jiehu hsieb inaddaf it-toroq fl-arja ta' Santu Pietru. Il-Kunsill qabel unanimament. Il-Kunsill qabel li ghandha tohrog offerta ghal dan is-servizz izda bhala soluzzjoni temporanja it-tindif ghandu jsir mill-haddiema assenjati mal-Kunsill u/jew jinstab kuntrattur temporanju sakemm ma tinqabizx it-*treshold* ta' ordni diretta.

7.2 Carmen Vella issuggeriet illi l-*poles* tal-country walk ta' Wied il-Mielah kif ukoll il-bankijiet tal-Fgura ghandhom jinzebhu. Il-Kunsill qabel unanimament li dawn ghandha ssirilhom il-manutenzjoni mehtiega mill-handyman tal-Kunsill.

7.3 Il-Kunsill iddiskuta dwar l-installazzjoni ta' bankijiet fil-Pjazza. Is-Sindku spjega illi qeghda ssir manutenzjoni lill-bankijiet li kien hemm biex dawn jergghu jehlu. Emanuel Muscat qal illi jixraq illi jehlu bankijiet godda. Is-Sindku spjega illi l-budget huwa limitat u hemm affarijiet li f'dan l-istadju huma ta' priorita' akbar fosthom it-traffic management – tabelli u zebgha ta' Triq il-Knisja u l-Pjazza. Is-Sindku ppropona illi ghandhom isiru 3 pots bil-fjuri fil-parti l-wiesgha tal-bankini fil-Pjazza. Huwa spjega illi b'dan il-mod il-Kunsill ser ikun qed imur ghall-iktar baziku u dan biex ma jeccedix il-fondi disponibbli. Il-Kunsill qabel unanimament. Dwar iz-zebgha tas-sinjali tat-traffiku gie spjegat illi hemm il-possibilita' li l-Kunsill jixtri z-zebgha u x-xoghol isir mill-haddiema tal-Public Works. Il-Kunsill qabel li jekk ikun possibli imur ghal din l-ghazla. Dwar tabelli gie deciz li ghandhom jingabru 3 kwotazzjonijiet u nimxu bl-irhas wahda.

7.4 Raymond Cassar gibed l-attenzjoni illi it-transport tal-iskola mhuwiex qed jghaddi mill-Pjazza ghal Triq San Pietru. Il-Kunsill qabel li jikkuntattja lid-Dipartiment tal-Edukazzjoni dwar dan.

**8. Viva l-Ewropa.**

8.1 Is-Sindku spjega illi din l-attivita' tat-trazmissjoni diretta ta' l-opra bhala celebrazzjoni ta' Viva l-Ewropa mhux ser tkun qed issir din is-sena minhabba il-krizi fi Spanja. Is-Sindku ppropona illi l-Kunsill ghandu jorganizza din l-attivita' aktar 'il quddiem bhala inizjattiva tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament.

**9. Inawgurazzjoni tal-progett tal-Pjazza.**

9.1 Bhalma gie deciz aktar kmieni fil-laqgha il-progett ta' Restawr ta' Pjazza Zjara tal-Madonna ser jigi inawgurat fil-21 ta' Gunju, 2012 fit-8.00pm mill-Ministru ghal Ghawdex. Il-Kunsill qabel li ghall-okkazjoni ghandha tigi organizzata serata muziko letterarja kif ukoll xow ta' dawl u sound u wara ikun hemm bibita. Il-Kunsill qabel li ghandha ssir il-plakka statutorja peress li dan il-progett sar minn fondi EU. Din ser tkun tal-perspex. Il-kiosk informattiva tal-progett OBIMED ghandha tkun stallata sa dakinhar bil-possibilita' li l-Wi-fi ikun jahdem ukoll.

**10. Aggornament dwar xogholijiet u progetti.**

10.1 Gie spjegat illi l-ahhar xogholijiet fuq il-bankini fi Triq il-Knisja ser ikunu finalizzati fi ftit jiem. Gie spjegat illi qed issir sample biex il-kurduna tinkesa skond kif kienet tipprovdi l-offerta.

10.2 Il-Kunsill innota illi hemm xi tappieri 30x30 neqsin. Dawn kienu pprovduti mill-Kunsill lill-kuntrattur. Il-Kunsill qabel li peress li x-xoghol tat-triq ghadu ma giex *commissioned* min naha tal-kuntrattur lill-Kunsill il-kuntrattur huwa responsabbli li jirriplejsja dawn it-tappieri.

10.3 Il-Kunsill iddiskuta dwar provvista ta' bollards ghall-Pjazza sabiex ikunu jistghu jintuzaw meta l-Pjazza tkun ser tinghalaq ghat-traffiku. Emanuel Muscat ser jiccekkja dwar bollards illi jingabru taht l-art. Il-Kunsill qabel li jekk dawn ma jkunux *feasible*, ghandhom jinxtraw bollards minghand Anton Zarb skond il-kwotazzjoni sottomessa.

10.4 Il-Kunsill iddiskuta dwar l-eco-cab u l-eco-truck tal-progett Eko-Ghawdex. Emanuel Muscat qal illi vettura tad-ditta Zero tiswa' €25,000.

10.5 Gie spjegat illi x-xogholijiet fuq il-hitan tas-sejjieh fi Triq Birbuba bhala parti mill-progett M323. Meta dawn jitlestew ikun jista' jinghata t-tarmak bhala parti mill-progett PPP.

10.6 Il-Kunsill iddiskuta dwar ix-xogholijiet fil-pjazzetta ta' hdejn ic-centru parrokkjali u fi Pjazza Gerano. Is-Sindku spjega illi ghaddejjin diskussjonijiet mal-WSC fejn anke gew involuti il-konsultenti legali taz-zewg partijiet. Ghan naha tal-Kunsill gie involut l-Avukat Damian Bigeni. Il-Kunsill qabel unanimament. Is-Sindku spjega illi l-Kunsill qed jargumenta illi x-xoghol kellu jkun inkluz fl-offerta li kienet harget il-WSC jew inkella ghandhom jaghmlu x-xoghol huma. Is-Sindku spjega illi jekk ma jintlahaqx ftehim mal-WSC il-*worst case scenario* ikun illi jinghata t-tarmak fi Pjazza Gerano u Pjazzetta hdejn ic-Centru Parrokkjali minflok ma jsiru bil-paving. Dan minhabba limitazzjonijiet finanzjarji.

10.7 Gie spjegat illi xogholijiet ohra pendenti li jridu jsiru mill-WSC f'Wied il-Mielah huma il-manholes u t-tindif tat-terrapien.

10.8 Dwar dawn ix-xogholjiet gie deciz li m'ghandhomx jinbdew qabel il-festa. Il-Kunsill qabel li qabel il-festa ghandu jsir xoghol ta' patching. Gie spjegat illi x-xoghol ta' tindif u hasil tal-pjazza u tat-triq Frenc ta' l-Gharb sar min naha tal-kuntrattur li ghamel ix-xoghol fil-pjazza. Gie spjegat ukoll illi l-container bil-materjal porfido li kien qed jintuza' fil-Pjazza huwa tal-kuntrattur u ser jitnehha.

**11. Skeda ta' pagamenti.**

11.1 Il-Kunsill approva unanimament il-hlas ta' l-iskeda ta' pagamenti annessa liema skeda giet iffirmata mill-membri kollha prezenti.

**12. Korrispondenza u materji ohra.**

Giet trattata il-korrispondenza segwenti:

12.1 Minghand Beate Hauff residenta' fil-lokalita' li qed tilmenta dwar hsarat li ggarbu fil-faccata tar-residenza taghha 157, Triq il-Knisja, l-Gharb waqt li kienu qed isiru x-xogholijiet fit-triq fejn qed jigi stmat illi l-ammont tat-tiswija jiswa' €250. Il-Kunsill qabel unanimament illi l-Kunsill ghandu jhallas ta' din il-hsara u l-ammont jitnaqqas mill-hlas dovut lill-kuntrattur.

12.2 Minghand GFS Ltd ta' l-Orjenti fir-rigward ta' ghamara ghall-ufficju.

12.3 Minghand il-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment fir-rigward ta' Rendikont tar-Raba' sena ta' Hidma tal-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u l-Investiment.

12.4 Mill-MEPA:-Applikazzjonijiet godda ghal permess ta' zvilupp PA1266/12, PA1142/12 & PA1203/12.

*Notification of return of Bank Guarantee as replaced by Letter of Undertaking issued by the Government of Malta – **PA 2409/09** – EU funded Project to restore the church and historic structures in graveyard Complex, **PA2401/09** – San Dimitri Chapel EU funded Project to restore chapel u **PA4849/03** – Site at Pjazza Gerano – To sanction amendment to Permission PA 0923/01 by different fountain design and traffic management scheme.*

12.5 Minghand il-Museum of Toys fir-rigward ta' offerti li huma joffri lill-gruppi, hinijiet ta' ftuh u informazzjoni ohra.

12.6 Minghand il-Water Services Corporation fir-rigward ta' ittra mibghuta minghand l-avukat tal-korporazzjoni "Minghajr Pregudizzju" – fir-rigward ta' xogholijiet ta' rijabilitazzjoni fl-Gharb in konnessjoni ma l-master plan tad-dranagg.

12.7 Minghand Charles Bezzina fir-rigward tal-Ktieb: When the Siren Wailed. Il-Kunsill qabel li tinxtara kopja ghal-librerija.

12.8 Minghand il-Maltese Association of the Sovereign Military Order of Malta ghall-Kuncert.

12.9 Minghand Dr. Jean Paul Grech ghan-nom ta' Martin u Doris De Brincat fir-rigward tax-xogholijiet li qed isiru fil-Pjazza Zjara tal-Madonna quddiem il-propjeta' taghhom.

12.10 Minghand il-Parrocca tal-Vizitazzjoni fir-rigward ta' tal-attivitajiet tal-festa bejn it-23 u 29 ta' Lulju, 2012. Il-Kunsill qabel li ma jsibx oggezzjoni li jaghti in-no objection tieghu ghal dawn l-attivitajiet sakemm ikun hemm il-permessi kollha mehtiega.

12.11 Minghand Centru Parrokkjali l-Gharb fir-rigward ta' l-organizazzjoni u permessi mehtiega biex tittella' il-Lejla Sajfija. Il-Kunsill qabel illi jikkollabora fl-organizzazzjoni ta' din l-attivita' billi jipprovdi tabelli ta' *no parking* u divertiment ghall-attivita'.

12.12 Minghand l-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali fir-rigward ta PPCD Energy Call 2012 fejn ser tigi sottomessa applikazzjoni wahda ghan-nom tal-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill interessati gew mitluba juru l-interess taghhom sat-22 ta' Gunju, 2012.

12.13 Minghand Ambersol katalogu bi prodotti Self-Watering Planters.

12.14 Minghand il-Vici Prim Ministru u Ministru ta' l-Affarijiet Barranin Rapport ta' l-2012 bl-isem Flimkien noholqu x-xoghol ghalik.

12.15 Raymond Cassar qal illi fl-iskola tal-*handicapped* ta' Sannat hemm bzonn urgenti ta' ipad li minnu jibbenefikaw tfal minn Ghawdex kollu inkluz tfal mil-lokalita' ta' l-Gharb. Il-Kunsill qabel li din hija xi haga regjonali u ghalhekk ghandha ssir talba mill-Iskola lir-Regjun ta' Ghawdex. Il-Kunsill qabel li jaghti is-support tieghu bhala parti mir-regjun.

12.16 Emanuel Muscat qal illi fl-iskola primarja ta' l-Gharb m'ghadux jinghata halib lit-tfal b'effett minn din is-sena minhabba kwistjoni ta' budget. Is-Sindku spjega illi ma kien hemm l-ebda komunikat dwar dan min naha tal-iskola u ghalhekk ser jitkellem mal-kap ta' l-iskola biex jifhem x'inhi s-sitwazzjoni.

Il-laqgha spiccat hin 7.40pm.

Konfermati minn

David Apap
Sindku

Joanne Attard
Segretarju Ezekuttiv